

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2017/2415

tal-21 ta' Diċembru 2017

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 356/2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2427 tal-21 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' April 2010, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 356/2010 ⁽²⁾, li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi identifikati fl-Anness I għal dak ir-Regolament, kif previst fir-Riżoluzzjoni (UNSCR) 1844 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, kif emendata sussegwentement.
- (2) Fl-14 ta' Novembru 2017, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r- l-UNSCR 2385(2017). Fir-rigward tal-eżenzjoni mill-iffriżar tal-assi u mill-projbizzjoni fuq it-tqegħid għad-dospoizzjoni ta' fondi b'rabta mal-kunsinna fil-ħin ta' għajjnuna umanitarja meħtieġa urġentement fis-Somalja, l-UNSCR 2385(2017) żammet ir-riferiment għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi "li jipparteċipaw fil-Pjan ta' Rispons Umanitarju tan-Nazzjonijiet Uniti għas-Somalja", li ġiet introdotta b'UNSCR 2244 (2015), minflok ir-referenza għal organizzazzjonijiet mhux governattivi "li jipparteċipaw fl-Appell Konsolidat tan-NU għas-Somalja".
- (3) Fil-21 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2427 sabiex tkun tirrifletti l-bidla msemmija hawn fuq.
- (4) Din l-emenda taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għaldaqstant, l-aktar bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tiegħu fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 356/2010 ikun emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 356/2010, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Artikolu 2(1) u (2) ma għandhomx japplikaw għat-tpoġġija ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi meħtieġa biex tiġi żgurata l-kunsinna fil-ħin ta' għajjnuna umanitarja meħtieġa urġentement fis-Somalja min-Nazzjonijiet Uniti, mill-aġenziji jew mill-programmi speċjalizzati tagħha, mill-organizzazzjonijiet umanitarji bi status ta' osservatur mal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li jipprovdu għajjnuna umanitarja, u mis-sħab tagħhom inkarigati mill-implimentazzjoni, inklużi NGOs iffinanzjati b'mod bilaterali jew multilaterali li jipparteċipaw fil-Pjan ta' Rispons Umanitarju tan-Nazzjonijiet Uniti għas-Somalja."

⁽¹⁾ Ara paġna 78 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 356/2010 tas-26 ta' April 2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja (ĠU L 105, 27.4.2010, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Diċembru 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

M. MAASIKAS
